

Brussell, 29 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

9190/20

ATO 34

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	29 ta' Ġunju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8733/20	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 03/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-Kummissjoni tikkontribwixxi għas-sikurezza nukleari fl-UE, iżda jinħtieġu aġġornamenti" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (29 ta' Ġunju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 03/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-Kummissjoni tikkontribwixxi għas-sikurezza nukleari fl-UE, iżda jinħtieġu aġġornamenti", approvati bi proċedura bil-miktub mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-29 ta' Ġunju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 03/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-Kummissjoni tikkontribwixxi għas-sikurezza nukleari fl-UE, iżda jinħtieġu aġġornamenti"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIRRINGRAZZJA lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali Nru 03/2020 tagħha intitolat "Il-Kummissjoni tikkontribwixxi għas-sikurezza nukleari fl-UE, iżda jinħtieġu aġġornamenti";
2. JIRRIKONOXXI li r-Rapport Speċjali jiffoka fuq ir-rwol li l-Kummissjoni għandha f'dak li jirrigwarda l-monitoraġġ tat-traspożizzjoni tad-direttivi tal-Euratom, il-qafas li abbażi tiegħu hija toħroġ l-opinjonijiet dwar proġetti ta' investiment fis-settur nukleari, u l-approċċ li hija tapplika meta tħejji dawn l-opinjonijiet u meta twettaq verifiki tal-faċilitajiet għall-monitoraġġ tar-radjuattività;
3. IFAKKAR fil-qafas leġislattiv Komunitarju għas-sikurezza nukleari, b'mod partikolari t-Trattat Euratom, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza tal-istallazzjonijiet nukleari, emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom¹ ("Id-Direttiva dwar is-Sikurezza Nukleari" - NSD), id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/EURATOM tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv² ("Direttiva dwar l-Iskart Radjuattiv u l-Fjuwil Użat" - RWD) u d-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/EURATOM tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom³ ("Direttiva dwar Standards Bażiċi ta' Sikurezza" - BSD);

¹ ĠU L 172, 2.7.2009, OJ L 219, 25.7.2014.

² ĠU L 199, 2.8.2011.

³ ĠU L 13, 17.1.2014.

4. JINNOTA l-konklużjonijiet ġenerali fir-Rapport Speċjali li l-Kummissjoni kkontribwixxiet tajjeb għas-sikurezza nukleari fl-UE, iżda hemm lok li l-Kummissjoni taġġorna l-qafas legali u l-linji gwida interni tagħha;
5. JINNOTA l-ewwel rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex taġġorna l-approċċ tagħha għall-monitoraġġ tat-traspożizzjoni tad-Direttivi futuri tal-Euratom li jistgħu jippermettu wkoll li l-Kummissjoni tikkontribwixxi biex tiffaċilita l-adozzjoni ta' miżuri xierqa mill-Istati Membri;
6. JINNOTA t-tieni rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni fir-rigward tal-aspetti li għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu ppreżentati, kif imħabbar fil-pakkett tal-2015 dwar l-Unjoni tal-Enerġija, proposti legiſlattivi għal qafas aġġornat li jkopri proġetti ta' investiment nukleari u JFAKKAR, f'dan ir-rigward, fl-Artikolu 41 tat-Trattat Euratom u l-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam tas-sikurezza nukleari, u l-prinċipju bażiku ta' "regolamentazzjoni aħjar".
7. JINNOTA t-tielet rakkomandazzjoni tal-Qorti lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi proċeduri interni, sabiex tiżgura approċċ konsistenti u koerenti filwaqt li tivverifika l-faċilitajiet ta' monitoraġġ tar-radjuattività tal-Istati Membri u filwaqt li tħejji opinjonijiet dwar investimenti nukleari.
8. Minħabba l-importanza tas-sikurezza nukleari globalment, JIRRAKKOMANDA li jingħata segwitu għal dan ir-rapport b'valutazzjoni addizzjonali tar-rwol u l-kontribut tal-Kummissjoni għat-tisħiħ tas-sikurezza nukleari fil-viċinat tal-UE.
9. JINNOTA li l-Kummissjoni biħsiebha tistieden lill-QEA biex tippreżenta dan ir-Rapport Speċjali fil-laqgħa li jmiss tal-ENSREG u biex tiddiskuti s-sejbiet tagħha u r-rakkomandazzjonijiet tagħha.